QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002

Numru 5
Citaz. Nru. 1336/93 FD

Cristino Muscat

Vs

Cristina Muscat;

u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 1995 l-Avukat Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Davinia Cachia gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Cristina Muscat;

u b'digriet tal-15 ta' Marzu 1996 Mary Grace mart Joseph Saliba giet nominata prokuratrici ta' l-imsiefra Cristina Muscat

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u dan minhabba sevizzi, eccessi u ingurji da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur u minhabba inkompatibilita` ta' karattru;

Premess illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Settembru 1993 (Dokument A);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 49 u 51 tal-Kap 23 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenuta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu assenjati lill-attur *in toto* f'kaz li jirrizulta illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ghal sehem mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew altrimenti tordna illi l-istess oggetti maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepixxa:-

1. Illi t-talba ghas-separazzjoni u t-talbiet konsegwenzjali ghandhom jigu akkolti imma bi htija ta' l-attur, jew mill-anqas ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu giet nominata l-avukatessa Dr. Irene Bonello bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-26 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu gew nominati l-avukat Dr. Raymond Pace u PL Davina Cachia bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Cristina Muscat,

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fis-7 ta' Novembru 1995;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mary Grace mart Joseph Saliba nominata prokuratrici ta' l-imsiefra Cristina Muscat;

Rat ir-risposta ta' l-attur;

Rat id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Jannar 1998 li permezz taghha l-imsemmija sentenza giet annullata u l-atti rinvjati ghal quddiem din il-Qorti;

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju 1998 fejn id-difensur tal-konvenuta ghamel referenza ghall-kawza fl-ismijiet inversi;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert legali Dr. Irene Bonello li tinsab a fol 333 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-13 ta' Lulju 2001;

Semghet lix-xhieda prodotti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-kontendenti taw spjegazzjoni differenti ghad-diffikultajiet li ltaqghu maghhom il-kontendenti u li wasslu ghat-tkissir totali taz-zwieg bejniethom;

Illi ma hemmx dubbju li l-karattru u l-edukazzjni taz-zewg kontendenti kienu neqsien minn bosta kwalitajiet li setgha jikkreaw is-serenita mehtiega fir-relazzjoni familjari li f'kull kaz timporta problemi kontinwi; jirrizulta li l-kontendenti ma kellhomx il-kultura tad-djalogu u allura kull problema, anki jekk zghira, minflok jiffaccjawha u jezonorawha, dejjem hallewha tikber oltre il-proporzjon reali taghha; kif gustament osservat mill-abbli relatrici: "*it-tnejn naqsu li jikkoltivaw l-elementi essenzjali ghall-*

*kontinwazzjoni tal-hajja mizzewga u cioe` l-imhabba, l-komprensjoni u l-komunikazjoni."*;

Illi l-Qorti kellha okkazzjni tisma' lil oht il-konvenuta Mary Grace Saliba u fost il-hafna allegazzjonijiet u kontro-allegazzjonijiet tal-partijiet il-Qorti tifhem li din ix-xhieda kienet tassew attendibbli u ghalkemm il-konvenuta hija ohtha, il-verzjoni taghha hi ferm verosimili. Il-konvenuta ripetutament irreferit ghal vjolenza u fil-fatt kien hemm il-kaz li gara f'Dicembru 1993 imma Mary Grace Saliba, ghalkemm semmiet direttament dan l-episodja stqarret bla tlaqliq "*Dwar swat ma kienetx ilmentat mieghi*"; anki dwar il-lanjanza tal-konvenuta li zewgha kien ihalliha wahedha anki meta ma jkunx xoghol xehdet "*hija qatt ma kellha hsieb hazin fih u kienet taf illi huwa kien ikun il-kazin jew ghand ommu*";

Illi l-Qorti tifhem li waqt li l-konvenuta ma gharfitx tghin lill-attur jissupera il-limitazzjonijiet karatterjali tieghu, hija donnha kienet soddisfatta bl-introjti li kien qed jirnexxilhom jakkumulaw bl-attivita` taghhom barra mill-hitan familjari;

Illi ghalhekk mir-rizultanzi kollha fl-assjem taghhom il-Qorti tifhem li z-zwieg bejn il-konjugi Muscat tkisser irrimedjabilment minhabba inkomprensjoni bejniethom li wasslet ghal nuqqas totali ta' komunikazzjoni li sabu maghhom mhux biss intolleranza soffokanti imma wkoll vjolenza psikologika u sahansitra fisika;

Illi jidher li l-ulied huma kollha maggorenni u ghalhekk it-tielet domanda hija illum superflua;

Illi l-Qorti taqbel ma' l-opinjoni ta' abbli relattrici li r-raba' domanda ghandha tigi milqugha kwantu ghall-applikazzjni ta' l-Artikoli 48 (1) (a) u (d) u dan fir-rigward taz-zewg partijiet;

Illi dwar ir-raba' domanda l-Qorti taqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta pero` certament ma tressqux provi li jistghu jwasslu ghad-decizjoni li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ghal sehem mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi dwar l-imsemmija komunjoni tressqu diversi provi u wara ezami ta' dawn, il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet fir-rigward maghmula mill-istess relattrici;

Illi rrizulta li fil-perjodu li fih il-kontendenti kienu jghixu l-Kanada kien irnexxilhom jakkwistaw dar matrimonjali li nbieghet 240,000 dollari; inoltre irrizulta wkoll li kellhom kontijiet bankarji separati u meta din id-dar inbieghet (meta rritornaw Malta) il-partijiet bonarjament qasmu ir-rikavat; ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex (barra l-imsemmija kontijiet bankarji u prelevamenti maghmula) ser tibda mid-dar matrimonjali li huma ghandhom gewwa Malta;

Illi ghalkemm l-attur stqarr li "*xtrajt l-art u inbniet id-dar – u dan minn flusi kollha – u cioe` ta' meta nqassmu il-flus*"; il-provi juru mod iehor – it-tnejn poggew id-depoziti taghhom bhala garanziji u thallsu in parti anki mill-kontijiet tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta xehdet li meta l-attur gie lura Malta hu mhux biss ha in-nofs tieghu mir-rikavat tad-dar li kellhom il-Kanada imma ukoll "*il-flus kolha li kellna l-bank*"; hija pero` ma gharfitx tindika kemm kellhom f'dan il-joint account;

Illi barra minn dan il-konvenuta ssottomettiet li mill-prezz tad-dar (li hi tghid li kien 257,000 dollari kanadizi) zewgha ha l-ewwel 9000 dollaru ghalih;

Illi dwar ix-xiri ta' l-art f'Haz-Zebbug il-Qorti tifhem li l-verzjoni ta' l-attur li hu hareg l-ewwel Lm3000 minn tieghu hi verosimili; ma jirrizultax li anki hawn Malta kellhom xi flus ohra;

Illi anqas hi korretta il-konenuta meta qalet li meta gie saldat is-self "*minn dawk il-flus cioe` il-flus tal-garanzija jiena lanqas penny ma rajt*" – l-ittra tal-bank ta' l-24 ta' Frar 1994 turi mod iehor;

Illi l-Qorti ghandha biss quddiemha d-dokumenti esebiti, ghax kif gja intqal il-verzjonijiet tal-partijiet mhux biss kontradittorji imma f'bosta punti huma inverosimili; f'linja l-konvenuta tghid li "*zewgi ma kienx jaghtini flus ghal hajja*" u proprju fil-linja ta' wara "*mistoqsija jekk zewgi kienx jaghtini Lm100 fix-xahar ghall-hajja nghid li dan ma kienx bizzejjed*";

Illi l-episodju quddiem il-mibki Imhallef Herrera, deskritt mill-P.L. Veronica Rossignaud, jitfa dawl imporanti fuq l-attegjament tal-konvenuta – anqas

tiftakar li quddiem l-Imhallef qattghet dawk id-dokumenti;

Illi inkonsistenza simili tirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-attur li darba stqarr li l-art kien hallas ghaliha kollha minn flusu u imbaghad inqaralu l-affidvait inizjali tieghu fejn qal li "*l-art xtrajniha billi jiena hallast l-ewwel Lm3000 mill-20,000 dollaru kanadiz li jien kont nizzilt mieghi ghall-ghixien. Il-bqija issellifna.*";

Illi dwar il-pagamenti li kienu qed isiru akkont jidher li parti minnhom kienet qed tithallas mis-salarju ta' l-attur u parti mill-imghaxijiet; anqas hawn ma qablu. Hi tghid li ghal dan il-ghan kienu jintuzaw l-interessi minn flusha biss waqt li hu xehed "*Fuq il-loan kont qieghed inhallas imghax minn tieghi u minn taghha*";

Illi wara l-prezentata tar-relazzjoni il-partijiet kellhom kull opportunita li jaghmlu sottomissjonijiet finali imma ma sar xejn u kienu jafu li l-kawza thalliet ghad-decizjoni; ma saret ebda talba ghall-istimi tad-dar, kif suggerit fir-rapport;

Illi dwar id-dar matrimonjali din tidher li hi l-assi principali tal-komunjoni u ghalhekk il-Qorti, wara li kkonsidrat ukoll ic-cirkostanza tal-partijiet u r-rizultanzi processwali, ma tarax il-possibilita` li din tigi assenjata lil xi wahda mill-partijiet u fic-cirkostanzi ikun ekwu li din tinbiegh u r-rikavat jigi maqsum wara li jsir il-hlas tal-krediti fuq indikati.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Muscat minhabba nkompatibilita` ta' karattru u nuqqasijiet li ghalihom huma responsabbli iz-zewg partijiet;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda stante li ma ghadx fadal tfal minorenni;

Tilqa' wkoll ir-Raba' Domanda limitatament ghall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48 (1) (a) u (d) kif emendati tal-Kodici Civili b'dan li tali effetti jkunu applikabbli ghaz-zewg kontendenti;

Tilqa' wkoll il-Hames Domanda u tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti izda tichadha in kwantu talbet dikjarazzjoni li l-konvenuta tilfet id-dritt ghal sehem mill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda tordna li tinqasam ugwalment wara li jsiru l-pagamenti imsemmija; tassenja lil kull parti dak kollu inkluzi ghamara, vetturi, flus u depoziti li prezentement jinsabu fil-pussess rispettiv taghhom, tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, disa' mija u tmienja u hamsin Dollari Kanadizi ($KAN3958) u s-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) u tordna l-bejgh in subasta bl-intervent ta' obblaturi estranei tad-dar matrimonjali f'Haz-

Zebbug, ir-rikavat maqsum f'zewg sehemijiet ugwali u minn dak dovut lill-konvenuta hija ghandha thallas lill-attur l-ekwivalenti fi flus Maltin ta' l-imsemmija 3958 Dollari Kanadizi u wkoll Lm2250. Biex tipprovdi li ma jkunx hemm pressjoni ghal dan il-bejgh in subasta, il-Qorti tordna li din issir fi zmien disa' (9) xhur minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat, f'liema perjodu l-partijiet huma awtorizzati li jbieghu l-imsemmija proprjeta` jekk jaqblu dwar il-kondizzjonijiet ghal tali bejgh;

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur